*Irkejjen Storiċi*

# Arkeoloġija: Mużajk Ruman – I

*minn Vincent ZAMMIT*

M'hix l-ewwel darba li f'dan l-appuntament tagħna tkellimna dwar il-fdalijiet Rumani li nsibu mxerrdin madwar il-gżejjer Maltin. Dan l-aħħar konna tkellimna wkoll dwar uħud mill-esebiti fil-Mużew ta' l-Antikitajiet Rumani. Darb'oħra tkellimna wkoll dwar id-dar Rumana stess. Il-lum naħseb li hu xieraq li wieħed jitkellem dwar il-mużajk li nsibu f'dan il-Mużew, li fl-istess ħin kienet id-dar Rumana.

### Il-Mużajk Ruman

Jekk wieħed iżur bliet u postijiet antiki ta' żmien il-perijodu klassiku, għandu jara li ħafna mill-artijiet ikunu mżejna b'paviment tal-mużajk. Dan il-paviment ikun ferm attraenti. Barra milli għandek disinji bil-kulur, hemm oħrajn li jkunu sempliċiment b'żewġ kuluri biss.

L-artijiet jiżżejnu b'modi differenti. Għandek min iżejjen b'xi xena tal-kampanja, jew inkella b'xi avveniment storiku. Imbagħad ikun hemm ħafna tiżjin b'simboli jew disinji ġeometriċi.

Il-pavimenti huma magħmula minn biċċiet ta' daqsijiet differenti ta' irħam, ġebel kif ukoll fuħħar. Dak li naraw illum fil-Mużew ta' l-Antikitajiet Rumani, ir-Rabat huma maqsuma f'żewġ tipi ta' mużajk. Hemm dawk il-pavimenti li għadhom fl-istess post fejn kienu poġġewhom ir-Rumani. Hemm biċċiet oħrajn li tneħħew minn posthom u jinsabu esebiti fil-Mużew.

Il-mużajk Ruman hu mod verament sabiħ u sinjur ta' kif kienu jżejnu l-qiegħa ta' kmamar u btieħi tal-bini Ruman. Kien hemm okkażjonijiet fejn nafu li anki ħitan kienu mżejna b'dan il-mod. L-arti tal-mużajk kienet bdiet qabel ma r-Rumani bdew jagħmlu użu minnu.

Fil-fatt l-eqdem art magħmula bil-mużajk tmur lura għas-Seklu Tmienja Qabel Kristu. Tajjeb ngħidu li f'dawn l-ewwel tentattivi kienu jagħmlu użu minn ċagħaq kulurit. Għalkemm is-sistema baqgħet tintuża għal mijiet ta' snin wara, maż-żmien naturalment l-artisti bdew jagħmlu użu minn materjal ieħor, kif diġà semmejna.



(Ġenb) Pjanta tad-Domus u (taħt) Mużajk misjub f'kamra E



Ir-Rumani mhux biss ħadu ideat tal-Griegi, talli bdew jikkupjaw id-disinji kif ukoll is-sistema. Dan narawh fil-bini mibni mir-Rumani li nsibu madwar il-Mediterran kollu. B'daqshekk m'aħniex ngħidu li r-Rumani ma ntroduċew xejn ġdid f'dan it-tiżjin.

Għalkemm ma nafux eżatt kif inhi mibnija l-art ta' din id-dar Rumana li hemm fir-Rabat, minn informazzjoni miġjuba minn skavi ta' postijiet oħrajn madwar il-Mediterran, naħsbu li s-sistema użata kienet l-istess waħda bħal dik li kienet komuni f'dak iż-żmien. Il-qiegħ ta' l-art kien ikun imbattan, ħalli jifforma qoxra iebsa.

Fuq dan il-livell kien jitpoġġa statumen, li tfisser taħlita ta' ġebel u xaħx mhux irfinat. Fuq dan kien ikun hemm livell ieħor, magħruf bħala *rudus.* Dan kien taħlita ta' ġebel, xaħx u biċċiet tal-fuħħar imħallat flimkien. Fuq nett kien ikun hemm *nucleus,* li kien magħmul minn xaħx għal darb'oħra, iżda din id-darba magħmul fin ħafna. Hekk kif dan il-livell ikun għadu frisk, jitpoġġew it-*tesserae* u kollox ikun livellat. Xi mindaqqiet il-wiċċ kollu jingħata bħal kisja ta' frak ta' irħam, ramel u xaħx, ħalli jgħaqqad kollox u jagħmel il-wiċċ tal-paviment aktar reżistenti.

Il-biċċiet tal-mużajk huma magħrufa bħala *tesserae.* Dawn kienu jkunu maqtugħa f'ċertu daqs u fil-biċċa l-kbira kienu jkunu jew kubiċi, inkella maqtugħa f'xi għamla regolari oħra. Il-kelma hi użata kemm jekk qiegħed jintuża mużajk, kif ukoll jekk ikun qiegħed jintuża xi materjal ieħor.

### Il-mużajk fid-Domus Rumana, Rabat

Niġu issa biex nitkellmu dwar il-mużajk li għadu jista' jidher u jiġi apprezzat, dak li hemm speċifikament fid-dar Rumana tar-Rabat. Hekk kif wieħed jinżel isfel, naraw li hemm numru ta' kmamar li għandhom l-art protetta, għax hi mżejna b'dan il-pavimentar tal-mużajk. L-akbar kamra hi dik li hi mdawra b'sittax-il kolonna.

Għalkemm hawnhekk qegħdin insejħulha kamra, fil-verità, oriġinarjament kienet bitħa, u għalhekk ma kellhiex is-saqaf li naraw illum. Din kienet magħrufa bħala l-*peristylium.* L-art li naraw hawnhekk hi ddekorata sew u għandha diversi taqsimiet ta' l-istess dekorazzjoni, li bilfors irridu nispjegawha biex napprezzaw dak li nkunu qegħdin naraw.

Fin-nofs insibu bħal stampa li qiegħda turina reċipjent, li fuqu hemm żewġ ħamimiet. Din il-parti tan-nofs, hi magħrufa bħala emblema, u tinsab maħduma fl-istil magħruf bħala *opus vermiculatum.*

L-emblema hi dik l-istampa li nsibu fin-nofs ta' l-art tal-mużajk. Din kienet tkun magħmula minn biċċiet żgħar tal-mużajk li kienu fil-biċċa l-kbira dejjem juru stampi jew xeni. Apparti minhekk din l-istess emblema tkun impoġġija fi gwarniċ tal-ġebel, li jkun ippreparat mill-artist qabel ma tkun impoġġija l-opra mitmuma fil-post.

Dan kien il-mod l-aktar komuni kif kienu jiżżejnu l-partijiet ċentrali ta' dawn l-istess pavimenti. L-istil użat kien dejjem dak magħruf bħala *opus vermiculatum,* li jfisser li dan ix-xogħol hu magħmul minn biċċiet żgħar ħafna ta' mużajk li minħabba ċ-ċokon tagħhom ikunu jistgħu jitpoġġew kif irid l-artist.

Minħabba li jkunu żgħar dawn jagħtu l-impressjoni li huma flessibbli ħafna, u fil-fatt juru li huma simili għad-dud. Din ix-xena li għandna murija hawn hi influwenzata minn xena ferm aktar dettaljata li kienet ferm popolari fi żmien il-perijodu klassiku. Fil-fatt insibuha riprodotta f'diversi pavimenti tal-mużajk minn madwar il-Mediterran kollu.

L-istess art imbagħad għandha bħal gwarniċ li jdur dawra sħiħa ma' din ix-xena, biex imbagħad id-diversi dekorazzjonijiet li hemm huma kollha ġeometriċi.

Għalkemm wieħed jasal biex jgħid li hawnhekk għandna biss sinjali u xejn aktar, il-fatt li l-artist li ħadem dawn id-disinji ġeometriċi ħa ħsieb jagħti l-impressjoni ta' ċertu profondità kif ukoll ta' kulur, hu indikazzjoni ta' kemm dawn l-artisti kienu verament professjonali f'ħidmiethom.

Tajjeb li nsemmi wkoll li jekk wieħed jagħti ħarsa sew lejn dan id-disinn, nindunaw li hemm is-simbolu ta' l-iswastika. Tajjeb ngħidu li dan is-simbolu hu ferm antik, u fil-perijodu klassiku kien użat ħafna kemm bħala simbolu kif ukoll għal raġunijiet ta' dekorazzjoni. Bħala simbolu dan għandu diversi tifsiriet, iżda l-aktar li jispikkaw hu dak li qiegħed juri prosperità u x-xorti tajba. Ferm 'il bogħod minn kif hu assoċjat dan is-simbolu llum.

Apparti l-emblema, id-disinn kollu tal-paviment hu magħmul fl-istil magħruf bħala *opus tessellatum,* fejn ikunu użati biċċiet tal-mużajk ta' l-istess daqs. Dan l-istil insibuh ukoll użat fil-kmamar l-oħra li nsibu f'din id-dar Rumana. Darb'oħra inkomplu nitkellmu dwar il-kumplament tal-mużajk li nsibu f'din id-dar.



*Mużajk li nstab fil-kamra A Domus Rumana, ir-Rabat*